MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 336/2008

**Mirage Holdings Ltd C 6808**

**Vs**

**Sandra Manche**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tal-ammont komplessiv ta' €4,837.96 (erbat elef, tmin mija u seba u tletin euros u sitta u disghin centezmu) kwantu ghal €4424.50 prezz ta' merkanzija lill-konvenuta mibjugha u kkonsenjata, kwantu ghal €413.46 ta' imghaxijiet.

Bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 7 u fol 8 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fis-16 ta' Frar 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €4837.96 komplessivament bl-imghax legali ulterjuri mill-ewwel (1) ta' Ottubru 2008 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------